MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 640/2009

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
Vs.
Steve Matthew Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 124586(M) li hu akkuzat talli:

1. fit-28 ta' Dicembru, 2008 ghall-habta tas-2:00 ta' wara nofsinhar, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa,mill-fond bl-isem 'Arnica Flats' No. 1 Triq il-Balliju Guttemberg Msida, kkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Mark Paul Buttigieg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Mark Paul Buttigieg, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet lill-imputat jametti l-akkuzi mal-presentata tieghu quddiem il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata u insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta, apparti l-ammissjoni tieghu, illi huwa ghandu jinstab hati tal-ewwel u t-tieni akkuz. It-tielet akkuza hija in alternattiva ghal ewwel wahda.

Rat l-Artikolu 261(b) (c) (e), 263(a), 264(1), 269(g), 278(2)(3), 279(b), 325(c) u 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap9 u taghmel kontra tieghu ordni ta' supervizjoni bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G bil-kundizzjoni esplicita li jissottoponi ruhu ghal ezami tal-awrina kull darba li jkun mitlub mill-ufficcjal sorveljanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------